**RAPPORT DWAR IC-CHILDCARE**

**MILL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET TAL-FAMILJA**

**ĠUNJU 2025**

## Introduzzjoni

Pajjiżna minn dejjem kellu kultura ta' sapport fil-familja u ħafna ġenituri rabbew lil uliedhom b'ħafna għajnuna mill-familja. Għalkemm din il-kultura għadha teżisti, illum hemm ir-realtà li l-ġenituri jkunu jaħdmu, u f'ħafna każijiet anki n-nanniet ikunu għadhom fid-dinja tax-xogħol. Il-kunċett ta' childcare għal tfal sa tliet snin, seta' jimla' dan il-vojt u joffri l-għajnuna meħtieġa lill-familji bi tfal żgħar. Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet tal-Familja ħass il-bżonn illi jiddiskuti dan is-servizz, anke fil-kuntest li dan is-servizz beda jingħata mill-Istat lil kulħadd sa mis-sena 2014. Il-Kumitat xtaq ukoll illi jisma' l-opinjoni ta' persuni esperti f'dan il-qasam.

## Il-laqgħat

Matul l-2023 u l-2024, il-Membri tal-Kumitat dwar l-Affarijiet tal-Familja ltaqgħu ma' numru ta' esperti u ma' nies li jaħdmu fil-qasam tac-childcare sabiex jisimgħu dak li kellhom xi jgħidu fuq is-settur:

- Is-Sa Denise Gatt, Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni;
- Is-Sur Robert Cassar, Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni;
- Is-Sur Michael Bondin CEO, Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi;
- Is-Sa Alexia Vella, Jobsplus
- Is-Sa Fabienne Debono Falzon, Jobsplus
- Dr Mario Cardona, MCAST
- Is-Sa Marie Cassar, MCAST
- Is-Sa Kirsten Cutajar Miller, Ekonomista

- Dr Anna Baldacchino, ECDAM
- Is-Sa Miriam Schembri, ECDAM
- Is-Sur Simon Zammit, Childcare Centres Providers Association
- Is-Sa Elizabeth Parnis, Childcare Centres Providers Association
- Is-Sur Alex Bonnici, Childcare Centres Providers Association
- Is-Sur Roderick Bezzina, Childcare Centres Providers Association
- Dr Josephine Milton, Fakultà tal-Edukazzjoni, Università ta' Malta
- Prof Valerie Sollars, Fakultà tal-Edukazzjoni, Università ta' Malta
- Dr Charmaine Bonello, Fakultà tal-Edukazzjoni, Università ta' Malta
- Prof Andrew Azzopardi, Fakultà għat-Tisħiħ fis-Soċjetà, Università ta' Malta
- Dr Roberta Attard, Fakultà għat-Tisħiħ fis-Soċjetà, Università ta' Malta

Is-seduti tal-Kumitat jinsabu online fis-sit www.parlament.mt u wieħed jista' jisma' r-recording tal-laqgħat jew jaqra d-dibattiti. Kull min tkellem fil-laqgħat formali tal-Kumitat ġie nfurmat li se jiġi rrekordjat permezz ta' audio u visual recording.

**Is-servizz taċ-Childcare**

Iċ-childcare kif nafuh illum ilu jeżisti f'pajjiżna għal numru ta' snin, pero' sa minn mitejn sena ilu diġà kien jinħass il-bżonn tiegħu u kienu nfetħu l-iskejjel tan-nuna, fejn ħafna nisa kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom billi jieħdu ħsieb it-tfal ta' ħaddiehor - fl-istess waqt kienu jagħtu ċ-ċans lil nisa oħra li jagħmlu xogħol barra mid-dar. F'dawn l-aħħar snin, l-istorja tidher li rrepetiet ruħha għaliex il-mod kif evolva s-servizz taċ-childcare, reġa' poġġa l-importanza fuq ir-ritorn tal-mara fid-dinja tax-xogħol.

Fit-tmeninijiet, bdew jiftħu numru ta' ċentri taċ-childcare li ħafna minnhom kienu jinfetħu fi djar kbar fejn sular kien jintuża bħala residenza u sular ieħor bħala ċentru. Dawn iċ-ċentri baqgħu

dejjem jiżdiedu. Fl-2010, l-FES kienet ħadet tliet ċentri li dak iż-żmien kienu mmexxija mill-FSWS u sa erba' snin wara dawn it-tliet ċentri kienu saru tlettax. Fl-istess sena, fl-2014, daħlet l-iskema taċ-childcare b'xejn u hemm pajjiżna ra żieda qawwija fiċ-ċentri taċ-childcare. Sal-2023 kien hawn 195 ċentru taċ-childcare liċenzjati, li fosthom kien hemm 175 ċentru privat, 13 tal-FES u 3 ta' entitajiet differenti. Sal-istess sena kien hemm iktar minn 5,700 tifel u tifla fiċ-ċentri taċ-childcare.

**Liċenzjar u Regolazzjoni taċ-ċentri taċ-Childcare**

Sa ftit snin ilu, ċentru taċ-Childcare seta' jkun reġistrat u jopera mingħajr liċenzja. Illum is-sitwazzjoni nbidlet u skont l-Att dwar l-Edukazzjoni, iċ-ċentri taċ-childcare irid ikollhom liċenzja mid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni sabiex jiffunzjonaw. Din il-bidla kienet avvanz importanti sabiex kull ċentru li joffri servizz ta' childcare ikun qed jaħdem kif suppost u bil-monitoraġġ meħtieġ. Filwaqt li bħalissa l-liċenzja tiġi mġedda kull sentejn, il-pjan hu li eventwalment dan it-tiġdid jibda jsir kull tliet snin.

Il-liċenzja taċ-ċentru ma tiġix imġedda awtomatikament iżda biss jekk iċ-ċentru jibqa' jilħaq il-kriterji neċessarji. Il-liġi tagħti lok li l-liċenzja tiġi revokata fejn ikun hemm bżonn - fil-fatt, fl-2023 ġew revokati tliet liċenzji. Din ir-revoka ma ssirx b'kapriċċ għaliex id-Direttorat huwa konxju li meta jwaqqfu ċentru milli jopera jkunu qed jipperikolaw l-għixien tan-nies u allura din tittieħed biss jekk ikun hemm periklu għat-tfal.

Ix-xogħol ta' evalwazzjoni u monitoraġġ fuq iċ-ċentri ma jsirx biss meta jasal iż-żmien biex tiġġedded il-liċenzja iżda jsir b'mod regolari matul is-sena. Fl-ewwel sena minn meta tinħareġ il-liċenzja jinħarġu r-rakkomandazzjoniet, filwaqt li fit-tieni sena ssir ħidma maċ-ċentru biex dawk ir-rakkomandazzjonijiet jiġu mplimentati.

Ta' min jgħid ukoll illi l-liċenzja li tingħata liċ-ċentri ma tinħariġx jekk iċ-ċentru jkun *compliant* biss. Hu mitlub ukoll li ċ-ċentru jkollu programm edukattiv u li min ikun ser imexxih, ikollu bażi ta' taħriġ fiċ-childcare.

**L-Amministrazzjoni taċ-Ċentri**

Kull ċentru taċ-childcare, filwaqt li jrid jimxi mal-istandards maħruġa mid-Direttorat, jista' jiddetermina l-aħjar mod ta' kif għandu jaħdem. Kull ċentru jista' jiddeċiedi jekk jidħolx fl-iskema taċ-childcare b'xejn u jista' jagħżel il-ħinijiet tal-ftuħ tiegħu, primarjament skont il-bżonnijiet tal-klijenti tiegħu. Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi kienet topera bejn is-7.30 ta' filgħodu u l-4 ta' wara nofsinhar. Dawn il-ħinijiet bdew jiġu estiżi bil-mod sabiex eventwalment kull ċentru jibda jiftaħ mis-6 ta' filgħodu sas-6 ta' filgħaxija. Preżentement qed jaraw ukoll kif jistgħu jaqdu nies li jaħdmu bix-shifts, fil-weekend u bil-lejl. Fuq dan il-punt id-DQSE spjegaw li fl-2021 bdiet il-possibilità li ċ-ċentri joffru s-servizzi tagħhom bil-lejl, pero' sa' Ottubru 2023, minkejja li kien hemm xi applikazzjonijiet, ma ħarġet l-ebda liċenzja għax il-kriterji meħtieġa għal dan is-servizz ma ġewx sodisfatti.

L-iskema taċ-childcare b'xejn daħlet fl-2014 u l-għan tagħha kien li tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. Għenet ukoll biex toħloq l-*opportunity cost*, għaliex qabel għal ħafna nies ma kienx ikun vijabbli li ġenitur joħroġ jaħdem għax il-maġġoranza tal-paga kienet se tintuża biex jitħallas iċ-childcare. Din l-iskema huma eliġibbli għaliha ġenituri li jaħdmu jew li jkunu qed jistudjaw; dawk li jkunu għaddejjin minn xi mard serju u dawk li jkollhom xi kundizzjoni medika.

Il-maġġoranza tat-tfal li jibbenefikaw mis-servizz taċ-childcare huma parti mill-iskema taċ-childcare b'xejn – il-JobsPlus spjegaw kif fl-2023 kien hemm madwar 8,600 tifel u tifla li għamlu użu minn din l-iskema. Għal dawn it-tfal, minn Jannar sa' Ottubru tal-2023, kien hemm 9.1 miljun siegħa li ġew mitluba, u minnhom ġew użati 6.7 miljun siegħa. Qed isir xogħol biex titnaqqas id-

differenza bejn is-sigħat li jiġu mitluba u dawk li jintużaw. Ġie spjegat lill-Kumitat li din id-differenza mhux dejjem tkun minħabba mard, iżda jistgħu jkunu sigħat li jinħlew minħabba nuqqas ta' ippjanar meta jsiru l-*bookings*. Ta' min iżid ukoll, illi sabiex iċ-ċentri joffru dawn is-sigħat, huma jimpjegaw numru ta' carers għal ħinijiet differenti tal-ġurnata, u meta l-ġenituri, għal kwalunkwe raġuni jonqsu milli jieħdu lit-tfal, iċ-ċentri xorta waħda jridu jħallsu lill-impjegati li jkunu qegħdin hemm biex jiġi sodisfatt il-kriterju taċ-*child to carer ratio*.

**Il-Benefiċċji taċ-Childcare**

Ir-realtà ta' familji li dejjem jiċkienu u ta' ġenituri li jaħdmu qed iġġib bidla fis-soċjetà tagħna. Rajna żminijiet fejn l-omm kienet tkun id-dar, u mxejna għal żmien fejn min seta', kien iħalli lit-tfal man-nanniet sabiex ikun jista' jaħdem. Illum hemm ir-realtà li ħafna nanniet qegħdin jaħdmu huma stess u allura ma jistgħux ikunu ta' sostenn fit-trobbija tan-neputijiet.

Esperti li dehru quddiem il-Kumitat spjegaw illi l-ġenituri tal-lum qed jiffaċċjaw piżijiet kbar: għajnuna dejjem tonqos fit-trobbija ta' uliedhom; spejjeż li dejjem jiżdiedu u anki aspirazzjonijiet ikbar milli kien ikollhom sa ftit snin ilu. Permezz tal-iskema taċ-childcare b'xejn, l-Istat offra miżura li twieżen lil dawn il-ġenituri fil-ħajja ta' kuljum u fit-trobbija ta' uliedhom. Dawn il-ġenituri ingħataw il-possibilità li jidħlu fid-dinja tax-xogħol b'moħħhom mistrieħ li uliedhom qed jiġu indukrati f'ambjent san. Hekk inħoloq *work life balance* aħjar filwaqt li żdied id-*disposable income* għall-familji.

L-Istat qed jinvesti ħafna fiċ-childcare, u riżultat ta' dan qed jara wkoll żieda fl-impjiegi, dħul mit-taxxa ikbar, u għaldaqstant tkabbir ekonomiku u żvilupp tas-settur. Barra minn hekk, bl-investiment fl-edukazzjoni bikrija, qed ninvestu wkoll fit-titjib tas-soċjetà – speċjalment fejn jidħlu tfal ta' familji li għandhom dħul baxx u medju. F'każijiet hekk, it-tfal qed jingħataw l-istess opportunitajiet filwaqt li l-familji qed ikollhom iktar aċċess għas-suq tax-xogħol u għal iktar dħul.

Dan il-punt qajmuh ukoll l-ECDAM u s-CCPA fejn aċċennaw għall-bżonn taċ-childcare b'xejn speċjalment għal tfal li ġejjin minn sfond żvantaġġat u li għax il-ġenituri ma jaħdmux ma jkollhomx l-istess opportunitajiet bħal tfal oħra. Kemm l-ECDAM kif ukoll l-Università semmew l-ewwel elf jum tat-trabi u kemm dawn huma mportanti għaliex madwar 80% tal-iżvilupp tal-moħħ isir f'dak iż-żmien. Urew it-tħassib tagħhom għall-fatt li fl-iktar żmien bikri, fejn hemm bżonn li t-tfal ikunu ma nies ta' ċertu kwalifiċi, qed jispiċċaw ma' nies li għandhom inqas kwalifiċi u forsi anki inqas esperjenza. Ta' min wieħed jinnota li f'kuntest fejn ir-rata ta' twelid f'Malta hija waħda baxxa, u fejn bosta familji jkollhom wild wieħed biss, il-fatt li t-tfal imorru f'dawn iċ-ċentri huwa tajjeb għax b'hekk ikollhom l-opportunità li jilagħbu u jitħalltu ma' tfal oħra. Din hija wkoll parti u fażi importanti fl-edukazzjoni u l-iżvilupp tat-tfal.

Iċ-childcare mhuwiex sempliċiment post fejn jinżammu t-tfal sakemm il-ġenituri jiġu lura mix-xogħol. Kif issemma' tajjeb mill-esperti, l-ewwel 1,000 ġurnata tat-trabi huma l-iktar kruċjali u għalhekk hu importanti li ċ-ċentri joffru ambjent san għat-tfal li jattendu u jipprovdulhom ambjent fejn jitgħallmu, jilagħbu u jissoċjalizzaw ma' tfal oħra tamparhom. Dan huwa importanti anke fil-kuntest li l-familji qed ikunu b'wild wieħed. Dan l-ambjent jgħinhom jakkwistaw ċertu ħiliet bażiċi u jgħinhom ukoll fl-iżvilupp tal-lingwa. Filwaqt li t-trobbija fid-dar ħadd ma jista' jnaqqsilha mill-merti tagħha, żgur li ħadd ma jista' jqabbel ir-riżorsi li jkun hemm fiċ-ċentri ma' dak li jkun hemm fid-djar, u lanqas ma jistgħu jiġu mqabbla l-attivitajiet kollha li jsiru fiċ-ċentri ma' dawk li jistgħu jsiru d-dar.

**L-Aspett Edukattiv**

Qabel l-2016, iċ-ċentri taċ-childcare kellhom għaxar standards li riedu jimxu magħhom. Meta ġew taħt id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, l-istandards żdiedu biex fost oħrajn jinkludu il-*care learning and play* sabiex jiżdied il-valur edukattiv. Riedu jibdlu wkoll il-

mentalità li ċ-ċentri taċ-childcare huma biss *business* għaliex f'dawn iċ-ċentri hemm il-ħajja u l-benesseri ta' tfal żgħar.

Filwaqt li l-aspett edukattiv huwa wieħed importanti ħafna għad-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni, jidher illi hemm numru ta' ġenituri li ma jagħtuhx l-istess importanza. Id-Direttorat stqarr mal-Kumitat illi ħafna ġenituri jfittxu ċentru li jkun viċin tad-dar jew tal-post tax-xogħol u allura jagħtu iktar importanza lill-konvenjenza milli lil dak li jkun se joffri ċ-ċentru lil uliedhom. Ħafna ġenituri ma jistaqsux għall-programm jew għall-manwal taċ-ċentru li jmorru jaraw. Lanqas ma jsaqsu x'jiġri jekk ikun hemm xi inċident bejn it-tfal jew jekk ikunu ma jifilħux. Id-Direttorat iħoss li hemm bżonn isir iktar xogħol sabiex jedukaw lill-ġenituri illi ċ-ċentru mhuwiex sempliċiment servizz ta' *babysitting* biex il-ġenituri jkunu jistgħu jaħdmu – iridu jaraw li s-sigħat li uliedhom iqattgħu fiċ-ċentru jkunu ta' kwalità f'aspetti differenti u li huma sodisfatti bil-mod kif jitmexxa ċ-ċentru.

Kull ċentru jiddetermina dak li ser joffri lit-tfal li jattendu, u jiddeċiedu wkoll il-mod ta' kif ser jagħmel dan ix-xogħol. Waqt waħda mil-laqgħat, il-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi spjegat kif iċ-ċentri tagħha jaħdmu b'*child-led approach*. Dan iffiser illi minflok ma jkunu l-carers li jiddeċiedu x'se jagħmlu mat-tfal, dawn jaraw x'inhuma l-interessi tat-tfal u jimxu fuqhom. Dan iċ-*child-led approach* huwa l-istess wieħed li huwa użat fis-sistema tal-kinder garten u allura t-tfal ikollhom transizzjoni ftit iktar faċli miċ-childcare għall-kindergarten. Min-naħa l-oħra l-ECDAM spjegaw lill-Kumitat li għad hawn ċentri li jgħallmu bis-sistema tradizzjonali ta' qabel, billi jużaw it-temi eċċ.

Fuq nota ftit differenti is-CCPA stqarret illi fil-qasam taċ-childcare, l-avvanz li sar qed ixaqleb wisq lejn l-aspett edukattiv u huma jemmnu li għandu jinstab bilanċ aħjar bejn il-kura u l-edukazzjoni tat-tfal għaliex jaħsbu li ċ-ċentri għandhom ikunu kontinwità tal-familja. Dan l-aspett

aċċennat għalih ukoll il-Fakultà tal-Edukazzjoni fejn ġie spjegat illi iktar ma' l-carer isir jaf lit-tfal u l-familija, iżjed ser jifhem x'jixtiequ t-tfal u jagħtihom ċans jesprimu lilhom infushom. Il-Fakultà għamlet referenza wkoll għall-benefiċċji tal-kunċett ta' *educare* u l-esperti spjegaw li l-edukazzjoni f'dan is-settur m'għandha qatt tiffoka fuq kemm it-tfal jitgħallmu l-alfabett u n-numri. Ġiet spjegata wkoll l-importanza li nħallu lit-tfal ikunu t-tfal – iċ-childcare m'għandux jintuża biex inlestu lit-tfal għall-kindergarten, iżda għandu jkun hemm biex it-tfal jitħallew igawdu t-tfulija tagħhom.

Il-Fakultà għat-Tisħiħ fis-Soċjetà marret pass oltre minn dan u saħansitra ssuġġeriet li fl-ewwel sentejn tagħhom, it-tfal idealment jibqgħu d-dar mal-ġenituri għaliex l-ikbar bżonn tagħhom f'dak iż-żmien hu li jkollhom adult dejjem magħhom, u s-soċjalizzazzjoni, għalkemm importanti, tista' ssir wara.

**L-Impjieg fil-qasam taċ-Childcare**

Id-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni spjega kif huwa diffiċli li tinżamm statistika preċiża tal-ħaddiema li jkun hemm fiċ-ċentri minħabba li jkun hemm ħafna tibdil. Id-Direttorat indika li fl-2023 kien hemm madwar 1,179 edukatur taċ-childcare kwalifikat, 468 li qed jagħmlu fażi ta' *training*, mal-231 maniġer kwalifikat u 24 oħra li qed jagħmlu t-*training*. Dawn l-ammonti ma jinkludux staff anċillari.

Dan it-tibdil fl-impjegati huwa sfida kbira fiċ-ċentri, speċjalment meta min imexxi ċ-ċentri ma jsibx biżżejjed ħaddiema biex jieħdu ħsieb lit-tfal. Filwaqt li ċ-ċentri qed ikomplu jiftħu sena wara sena, m'hawnx biżżejjed edukaturi u maniġers taċ-childcare kwalifikati biex joffru s-servizz skont ir-*ratios* mitluba mill-istandards.

Dawn l-istandards jitolbu li għal tfal sa sena, jkun hemm *carer* ma' kull tliet itfal; minn sena sa sentejn, jista' jkun hemm ħamest itfal ma' *carer;* filwaqt li minn sentejn sa tliet snin, in-numru ta' tfal ma' *carer* jista' jiżdied għal sitta. L-isfida ewlenija hija li ċ-ċentri mhux qed isibu biżżejjed nies kwalifikati allura jkun hemm ċentri li jew ma jirrispettawx ir-ratio jew jimpjegaw nies li m'għandhomx il-kwalifiċi neċessarji.

Sabiex iċ-ċentri taċ-childcare ikollhom impjegati kwalifikati, isir xogħol minn qabel sabiex min hu interessat li jaħdem fis-settur, ikun jista' jistudja u jġib il-kwalifiċi neċessarji. L-MCAST spjegat lill-Kumitat kemm jaħdmu biex l-istudenti tagħhom jifhmu li r-rwol fl-*early years* ma jkunx wieħed ta' *babysitting*, jew wieħed fejn jilagħbu mat-tfal, iżda wieħed fejn qed jedukaw lit-tfal u jtuhom kura speċifika. Fil-livell ta' Diploma, jindukraw l-istudenti fl-aspetti ta' żvilupp tat-tfal, saħħa u sigurtà, id-drittijiet tat-tfal, id-diversità u l-inklussività fost oħrajn. Meta mbagħad jimxu għal Diploma avvanzat, jiġu preparati speċifikament biex jaħdmu fiċ-ċentri taċ-childcare u f'kull livell ikollhom *placements* ta' prattika fejn ikollhom iċ-ċans li jagħmlu xogħol mat-tfal taħt is-superviżjoni tal-istaff taċ-ċentru. Sa' Ottubru tal-2023, kien hemm 76 student fl-ewwel sena u 43 student fit-tieni sena.

L-importanza tal-edukazzjoni taċ-childcare educators issemmiet diversi drabi matul il-laqgħat tal-Kumitat, partikolarment fil-bżonn ta' ċertu maturità – il-bżonn li l-edukatur jifhem il-psikoloġija tat-tfal u l-mod kif jiżviluppaw sabiex ikun jista' jevalwa kif l-aħjar li jaħdem biex jagħti l-aħjar *output* possibbli lit-tfal. L-Università ta' Malta tat perspettiva ftit differenti dwar it-taħriġ u l-kwalifiċi taċ-childcare educators – l-esperti spjegaw kif tfal li għandhom sa' tliet snin, għandhom dritt għal edukazzjoni ta' kwalità daqs tfal li qegħdin fil-Year 1 jew Year 2 li l-għalliema tagħhom huma gradwati u bil-warrant. Saħqu illi l-kwalità tal-għalliema għandha tkun ta' livell mill-bidu nett mhux mill-primarja 'l fuq biss u qalu li din il-problema trid tiġi solvuta mill-għeruq tagħha.

Fir-rigward ta' korsijiet li jippreparaw in-nies għal impjieg fiċ-ċentri taċ-childcare, is-CCPA spjegaw lill-Kumitat kif minħabba li mhux qed isibu childcare educators, intleħaq ftehim mad-DQSE biex ikunu jistgħu jħaddmu studenti li qed jagħmlu l-kors u dawn l-istudenti jkunu taħt superviżjoni ta' min hu kwalifikat – dan jista' jsir biss jekk fiċ-ċentru jkun hemm 50% tal-ħaddiema li jkollhom il-kwalifiċi meħtieġa. Uħud minn dawn il-persuni jkunu qed jattendu korsijiet privati li jsiru filgħaxija sabiex ikunu jistgħu jleħħqu mal-istudju u max-xogħol.

**Sfidi fis-settur taċ-Childcare**

L-impjieg tal-ħaddiema tibqa' l-ikbar sfida fis-settur taċ-childcare. Fil-fatt id-Direttorat tal-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni sostna li f'70% tal-viżti li jagħmlu fiċ-ċentri, isibu li r-*ratios* ma jkunux rispettati. Il-ħaddiema tad-Direttorat jifhmu li jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn l-impjegati taċ-ċentru jkunu ma jifilħux, pero' xorta waħda jkollhom l-obbligu li jiġbdu l-attenzjoni taċ-ċentru u li jkomplu jsegwu l-każ.

Is-CCPA qablu ma din l-isfida u semmew ukoll il-problema li jsibu bħala ċentri privati li ma jistgħux jagħtu l-istess kundizzjonijiet tas-settur pubbliku, anki għaliex il-pakkett li jinnegozjaw għall-iskema taċ-childcare b'xejn jorbothom għal tliet snin. Qalu wkoll li l-isfida ta' nuqqas ta' ħaddiema tkompli żżidilhom l-isfidi biex ikompli joffru childcare ta' kwalità. Is-CCPA qalu wkoll illi huma ma jistgħux joffru l-istess servizz bħal ċentri tas-settur pubbliku, speċjalment f'dak li jirrigwarda tfal bi bżonnijiet speċjali. Filwaqt li l-FES tista' tipprovdi *one to one support* għal dawn it-tfal, ċentri li jaħdmu bħala *business* mhumiex f'pożizzjoni li jagħtu l-istess sapport minħabba l-mudell ekonomiku tagħhom.

Il-Fondazzjoni tas-Servizzi Edukattivi semmiet il-fatt illi minħabba l-kwalifiċi meħtieġa, hemm numru ta' childcare centre coordinators li għandhom 20 jew 21 sena u li l-maġġoranza tagħhom

m'għandhomx biżżejjed esperjenza jew ħiliet amministrattivi. Il-Fondazzjoni semmiet ukoll ir-realtà ta' carers barranin illi jistgħu jaffettwaw l-iżvilupp tat-tfal minħabba li ma jkellmuhomx b'Malti jew Ingliż tajjeb, jew għax ikollhom kultura differenti minn dik lokali. Din l-isfida ssemmiet ukoll mis-CCPA li żiedu anki kif fl-2025 il-carers iridu jkunu proficjenti kemm fil-Malti u anki fl-Ingliż, u din se tkompli toħloq problema bl-ingaġġ ta' ħaddiema barranin.

F'każ ta' nuqqas ta' carers, id-Direttorat jista' jikkomunika mal-JobsPlus sabiex iwaqqaf l-iskema taċ-childcare b'xejn f'xi ċentru partikolari – meta dak iċ-ċentru jerġa' jkollu n-numru ta' carers li hemm bżonn, l-iskema terġa' tinbeda. Sakemm iċ-ċentru jerġa' josserva r-regoli u l-istandards, il-ġenituri li jibagħtu t-tfal tagħhom hemm, ma jkunux jistgħu jibbenefikaw mill-iskema taċ-childcare b'xejn.

Sfida oħra li ssemmiet mid-Direttorat għall-Kwalità u l-Istandards fl-Edukazzjoni kienet dwar l-ammont ta' spazju li jridu ikollu ċentru għal kull tifel u tifla sabiex jingħataw il-liċenzja. Kull ċentru jrid ikollu ċertu spazju barra, u l-ispazju tax-shaft u tal-uffiċċju ma jistax jingħadd mal-ispazju li hemm għat-tfal. Id-Direttorat ġieli jkollu reżistenza fuq dan miċ-ċentri għaliex jekk tnaqqsilhom l-ispazju, se jfisser inqas tfal u allura inqas flus.

**Rakkomandazzjonijiet tal-Esperti**

L-esperti li tkellmu mal-membri tal-Kumitat għamlu numru ta' rakkomandazzjonijiet matul id-diskussjonijiet li saru. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet qegħdin jiġu elenkati sabiex ikun iktar faċli li ssir referenza għalihom:

- *Fejn bħalissa childcare educators u coordinators għandhom bżonn MQF level 4 u 5, hu mixtieq li eventwalment dan jiżdied għal MQF level 6 u 7;*
- *Għandu jsir iktar xogħol mal-ġenituri biex iċ-ċentru taċ-childcare ma jintgħażlux biss għall-konvenjenza, iżda għall-valur li ser jagħti lil uliedhom;*

- *Jekk qegħdin ngħidu li r-rata ta' free childcare scheme hija ta' €4.30 kull siegħa... B'dak il-mod fl-istituzzjonijiet privati għandu jkun hemm din l-opportunità ħalli jkunu jistgħu jagħmlu użu minn din il-biċċa xogħol. Kif inhi bħalissa l-brunt qed jeħodha l-Istat. Għal tfal bi bżonnijiet speċjali għandha tkun erba' jew sitt darbiet iktar;*
- *Kif bħalissa l-Gvern qiegħed iħallas lill-iskejjel tal-Knisja u tal-Privat għall-edukaturi tagħhom, jibqa' nieżel b'dan il-mudell saċ-childcare ħalli l-edukaturi kollha jkunu fuq l-istess livell;*
- *Iktar uffiċjali edukattiv fil-Quality Assurance Department sabiex ilaħħqu mal-iskejjel u ċ-ċentri kollha mit-twelid sa' seba' snin;*
- *Ix-xogħol li jsir mat-tfal fl-edukazzjoni jrid ikun apprezzat u għalhekk il-kundizzjonijiet tax-xogħol iridu jitjiebu;*
- *S'issa qatt ma kellna direttorat fl-edukazzjoni li huwa speċifikament iffukat fuq l-early childhood education- għalhekk importanti li jkollna direttorat;*
- *L-early years għandu jkun parti integrali min-National Policy Framework;*
- *Dokument bħan-National Policy Framework – għandu jintalab l-input tal-esperti fl-Università qabel ma dan id-dokument isir pubbliku - L-esperti m'għandhomx jiġu kkonsultati wara li jiġi miktub u meta jinħareġ għall-feedback ġenerali tal-istakeholders;*
- *Hemm bżonn li jkun hemm multi-sectorial approach fejn dawn in-nies kollha, edukazzjoni, saħħa għall-benesseri tat-tfal jingħaqdu flimkien biex ikun hemm dawn is-servizzi kollha flimkien;*
- *L-affarijiet li jkun hemm fil-politika, jridu jiġu kkumplimentati bl-infrastruttura li hemm bżonn sabiex il-ħidma ssir kif suppost;*
- *Jekk naraw li jkun hemm l-għażla u jkun hemm homecare subsidy għal dawn in-nies, li jkun bejn wieħed u ieħor 80% tas-salarju tagħhom, biex ovvjament l-istandard of living għal dik is-sena u nofs tibqa' kif inhi u jkun hemm garanzija li jerġgħu jidħlu lura fix-xogħol li kellhom, nemmen li ħafna jagħżlu li jibqgħu jieħdu ħsieb it-tfal tagħhom.*

**Konklużjoni u Rakkomandazzjonijiet**

Il-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet tal-Familja sema' diversi esperti fuq is-suġġett u kkunsidra numru ta' rakkomandazzjonijiet li saru waqt il-laqħat. Filwaqt li laqa' dak kollu li ġie ppreżentat, iddiskuta dak kollu li sema', analizza l-informazzjoni li ġiet mgħoddija lilu u qed iressaq dawn ir-rakkomandazzjonijiet:

- Karriera fiċ-childcare għandha tiġi promossa minn età żgħira, bl-istess mod li jiġu promossi karrieri f'oqsma oħra;
- Għandu jsir sforz sabiex is-settur ma jibqax jattira biss impjegati tas-sess femminili;
- Il-ħaddiema fiċ-ċentri taċ-childcare għandhom jitħallsu l-istess (fuq il-mudell tal-għalliema fl-iskejjel tal-istat, tal-Knisja u Indipendenti);
- Il-programm/manwal taċ-ċentru għandu jingħata b'mod awtomatiku lil kull ġenitur li jikteb lit-tfal tiegħu fiċ-ċentru;
- Il-liġi tal-edukazzjoni għandha tinkompora dan il-qasam minkejja li mhuwiex parti mill-edukazzjoni obbligatorja;
- Dan is-settur għandu jkun ċar li jaqa' u jkun taħt id-direzzjoni tal-Edukazzjoni. Entitajiet oħra għandhom ikunu hemm biex jagħtu s-sostenn tagħhom;
- Għanda ssir pjattaforma f'forma ta' kumitat konsultattiv imwaqqaf bil-liġi tal-edukazzjoni sabiex ilaqqa' l-imsieħba kollha involuti fil-qasam biex jiddiskuti l-izviluppi li jsiru fl-edukazzjoni bikrija.